MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 751/2011

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

vs

Michael Sultana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 188572(M), akkuzat talli:

1. Matul il-gurnata ta’ nhar id-19 ta’ Gunju 2011, gewwa l-lokalita’ tal-Hamrun, bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq ta’ vettura tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru ta’ registrazzjoni ISA179 ghad-dannu ta’ Oscar Muscat u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa ta’ aktar minn

mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ISA179 ghad-dannu ta' Oscar Muscat u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda mhux aktar minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' mobile phone minn gewwa vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tar-registrazzjoni EAW026 ghad-dannu ta' Joseph Gatt u/jew persuna jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAW026 ghad-dannu ta' Oscar Muscat u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux aktar minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);

5. talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet moghtija taht l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta f'sentenza li giet moghtija lilu fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;

7. talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet moghtija taht l-Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-

Ligijiet ta' Malta liema sentenza giet moghtija lilu nhar it-23 ta' April 2010 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;

8. u fl-ahhar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet moghija taht l-Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta liema sentenza giet moghtija lilu nhar il-15 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(Kap 9. 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271, 289, 325(b), 334.)

Semghet lill-imputat fl-udjenza tas-27 ta' Frar ta' din is-sena jammetti l-imputazzjonijiet fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti sal-udjenza tal-lum anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Tirreferi ghall-imputazzjonijiet dwar attentat ta' serq ta' vettura, serq ta' telefon cellulari minn vettura ohra, hsara volontarja fil-konfront iz-zewg vetturi, ir-ricettazzjoni, il-ksur ta' kundizzjoni imposti fuqu b'sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2008, 23 ta' April 2010 u 15 ta' Lulju 2010 u r-recidiva. Intant ir-ricettazzjoni ma tapplikax stante li hi in alternattiva ghas-serq izda japplikaw l-imputazzjonijiet l-ohra kollha sija mill-ammissjoni tieghu, u sija mill-istqarrija validament minnu irrilaxxjata lill-Pulizija u d-dokumenti in atti.

Kif jirrizulta mill-fedina penali l-imputat ghandu storja ta' kriminalita' anka b'precedenti ta' serq. L-imputat, jigi osservat, inghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhhu bis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tal-15 ta' Lulju 2010 u tul dawn l-odjerni proceduri nghata sahansitra l-liberta' kondizjonta ghal biex jaghmel programm rijabilattiv, izda jidher li dan ma sewwa ghal xejn billi l-imputat rega' spicca l-habs.

Konfrontata ma' dan kollu r-razz tal-Qorti hu limitat bil-konsegwenza li piena karcerarja tigi obligatorja.

Ghaldaqstant issib u tiddikjara l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha hlief ghal hames wahda li minnha tilliberah.

Rat l-Artiklu 41(1)(a), 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(b), 17(b)(h), u 31 tal-Kap 9 u l-Artiklu 23(1)(a)(2) tal-Kap 446, tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija bin-nuqqas ta' zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma' dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat is-sentenza lill-imputat.

Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jinghata l-opportunita' biex ikompli jiehu l-kura li qieghed jiehu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------